

Informazzjoni dwar il-kawża

Applikant għat-trade mark Komunitarja:	Promomadrid Desarrollo Internacional de Madrid, SA
Trade mark Komunitarja kkonċernata:	Trade mark imħallta MADRIDEXPORTA għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 16, 35, 36, 38, 39, 41 u 42 — Applikazzjoni Nru 4659553
Deċiżjoni tal-eżaminatur:	Reġistrazzjoni rrifjutata
Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:	Appell miċħud

Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tas-7 ta' Marzu 2007 (Każ R 1130/2006-1) hija annullata.
- 2) L-UASI huwa kkundannat għall-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Is-Seba' Awla) tas-16 ta' Settembru 2009 — Offshore Legends vs UASI — Acteon (OFFSHORE LEGENDS bl-iswed u bl-abjad, u OFFSHORE LEGENDS bil-blu, bl-iswed u bl-aħdar)

(Kawżi magħquda T-305/07 u T-306/07)

“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għaż-żeżg trade marks Komunitarji figurattivi OFFSHORE LEGENDS, waħda bl-iswed u bl-abjad, l-oħra bil-blu, bl-iswed u bl-aħdar — Trade mark nazzjonali figurattiva preċedenti OFFSHORE 1 — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh bejn il-prodotti u s-sinjali — Nuqqas ta' talba għal prova tal-użu ġenwin tat-trade mark preċedenti — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009] — Artikolu 43(2) u (3) tar-Regolament Nru 40/94, moqri flimkien mal-Artikolu 15(2)(a) tar-Regolament

Nru 40/94 [li saru l-Artikolu 42(2) u (3) u l-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 207/2009]”

Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Oppożizzjoni mill-proprjetarju ta' trade mark preċedenti identika jew li tixxiebah irreġistrata għal prodotti jew servizzi identiċi jew li jixxiebhu — Probabbiltà ta' konfużjoni mat-trade mark preċedenti (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 8(1)(b)) (ara l-punti 60, 61, 98-103)

Suġġett

Żewġ rikorsi ppreżentati kontra żewġ deċiżjonijiet tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tad-29 ta' Meju 2007 (Każijiet R 1031/2006-2 u R 1038/2006-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Acteon u Offshore Legends.

Informazzjoni dwar il-kawża

Applikant għat-trade mark Komunitarja:	Offshore Legends
Trade mark Komunitarja kkonċernata:	Trade marks figurattivi OFFSHORE LEGENDS bl-iswed u bl-abjad u OFFSHORE LEGENDS bil-blu, bl-iswed u bl-aħdar għal prodotti fil-klassijiet 3, 9, 14, 18, 20, 24, 25, 28 u 35 — Applikazzjonijiet Nri 3160231 u 2997021
Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjali invokat insostenn tal-oppożizzjoni:	Acteon
Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:	Trade mark figurattiva nazzjonali u internazzjonali OFFSHORE 1 għal prodotti fil-klassijiet 16, 18 u 25
Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:	Oppożizzjoni miċħuda għall-prodotti kkontestati kollha
Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:	Annullament parzjali tad-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni sa fejn din ċaħdet l-oppożizzjoni għall-prodotti koperti mill-klassijiet 18 u 25

Dispożittiv

- 1) Ir-rikorsi huma miċħuda.
- 2) Offshore Legends hija kkundannata għall-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Is-Seba' Awla) tas-16 ta' Settembru 2009 — Alber vs UASI (Manku)

(Kawża T-391/07)

“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja tridimensjonali — Manku — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009] — Obbligu ta' motivazzjoni — Artikolu 73 tar-Regolament Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009] — Prinċipju ta' eżami ex officio tal-fatti — Artikolu 74(1) tar-Regolament Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 76(1) tar-Regolament Nru 207/2009]”

Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Trade marks li mhumiex ta' karattru distintiv (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 7(1)(b)) (ara l-punti 50-62)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tas-16 ta' Awwissu 2007 (Każ R 361/2007-4), kif ukoll kontra d-deċiżjoni tal-eżaminatur tal-UASI, tas-16 ta' Jannar 2007, f'dan l-istess każ, sa fejn hija tiċħad l-applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja Nru 4396727 għal ċerti prodotti koperti minnha.